MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 287/2011

Kawza fil-lista: 14

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ipprezenta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fid-29 ta’ Novembru 1998 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed li ghadu minuri;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elizabeth Sciriha mill-10 ta’ April ta’ l-2011;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ghaxar snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra rabtiet ma’ persuna ohra /familji godda;

Illi skont l-anness kuntratt ta’ separazzjoni il-partijiet irrinunzjaw definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u jew jircievu manteniment minghand xulxin bl-aktar mod irrevokabbli u assolut;

Illi skont l-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali ir-rikorrent huwa dovut ihallas bhala manteniment ghal ibnu s-somma ta’ Lm50 ekwivalenti ghal €116.46c fix-xahar ghall-ewwel 5 snin, Lm75 ekwivalenti ghal €175.52c fix-xahar ghas-sussegwenti perjodu ta’ 5 snin, Lm100 ekwivalenti ghal €232.93c fix-xahar ghas-sussegwenti perjodu ta’ 5 snin ohra u Lm125 ekwivalenti ghal €291.17c fix-xahar ghar-rimanenti zmien sakemm it-tifel jaghlaq 18-il sena. Ir-rikorrent qatt ma kien inadempjenti u dejjem hallas il-manteniment dovut.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------